**Nru. 54**

**MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA**

**Ħatra ta' Direttur *(Financial Management)* fit-Taqsima tax-Xogħlijiet**

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mario Rodgers, M.B.A. (Exec.) (Dist.), B.A. (Hons.), B.A. (Rel. Stud.), L.R.P.S., bħala Direttur *(Financial Management)* fit-Taqsima tax-Xoghlijiet fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2005.

Is-17 ta' Jannar, 2006

**No. 54**

**MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE**

**Appointment of Director (Financial Management) in the Works Division**

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mario Rodgers, M.B.A. (Exec.) (Dist.), B.A. (Hons.), B.A. (Rel. Stud.), L.R.P.S., as Director (Financial Management) in the Works Division within the Ministry for Resources and Infrastructure with effect from 1st December 2005.

17th January, 2006

**Nru. 55**

**MINISTERU TAL-FINANZI**

**Għotja ta' Darba Fuq Xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* għall-Użu Domestiku**

1. SKOND id-dispożizzjoni tal-paragrafu 9 ta' l-Avviż tal-Gvern numru 203, SKEMA B – *Solar Heating Energy Savers*, li deher fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Marzu tas-sena 2005, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed jemenda paragrafu 5 ta' dan l-avviż kif ġej:-

Biex il-Gvern ikompli jinkoraġġixxi aktar l-użu ta' *Solar Heating Energy Savers* għall-użu domestiku l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed jgħolli r-rifużoni fuq dawn il-prodotti għal 25% tal-valur tax-xiri tal-prodott sa massimu ta' mitt lira Maltija (Lm100). Dan it-tibdil fuq ir-rifużjoni japplika biss fuq dawk is-*Solar Heating Energy Savers* li jinxtraw fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara.

2. Ngħarrfu wkoll li s-*Solar Heating Energy Savers* għandhom jiġu stallati biss skond il-linji ta' gwida rigward il-kontroll ta' l-iżvilupp imposti mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). F'każ ta' nuqqas ta' osservazzjoni ta' dawn ir-regolamenti l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jirriserva d-dritt li tittieħed lura l-għotja kollha li tkun inghatat.

3. It-tifsir u l-kundizjonijiet kollha li kienu dehru fl-Avviż tal-Gvern numru 203 taħt SKEMA B għadhom fis-seħħ, għajr it-tibdil imsemmi f'paragrafi 1 u 2 hawn fuq.

Is-17 ta' Jannar, 2006

**No. 55**

**MINISTRY OF FINANCE**

**A Once-Only Grant on the Purchase of Solar Heating Energy Savers for Domestic Use**

1. IN accordance with the provisions of paragraph 9 of Government Notice number 203, SCHEME B – Solar Heating Energy Savers, which was published in the Government Gazette of the 1st March 2005, the Prime Minister and Minister of Justice is hereby amending paragraph 5 of such a Government Notice as follows:

In order to further encourage the use of Solar Heating Energy Savers for domestic use, the Prime Minister and Minister of Finance is increasing the grant to 25% of the purchase price of the solar heating energy saver, subject to a maximum of one hundred Maltese Liri (Lm100). This increase in the grant applies only to those Solar Heating Energy Savers purchased on the 1st January 2006, or afterwards.

2. It is hereby also being notified that the Solar Heating Energy Savers should be installed strictly as per Malta Environment And Planning Authority (MEPA) development control guidelines. The Minister responsible for Finance reserves the right to forfeit the grant if such regulations are not adhered to.

3. Except for the amendments referred to in paragraph 1 and 2 above, the provisions of Government Notice number 203 under Scheme B shall continue to apply.

17th January, 2006